MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 1/2002/1

**Angela Camilleri u John Pace u, permezz ta' digriet moghti fis 6 ta' Frar 2006 gew kjamati in kawza Helen Pavia u Costantino Pavia u, permezz ta' digriet datat 13 ta' Marzu 2006, Vincent Camilleri, Marlene Zammit, Josette Camilleri u Sylvia Zammit, lkoll tfal ta' John Pace, assumew l-atti flok John Pace u permezz ta' digriet datat 21 ta' Frar 2008 Joseph Camilleri gie nominat kuratur tal-assenti Costantino Pavia**

**vs**

**Alfred u Maria konjugi Portelli**

Illum 14 ta' Novembru 2013

Il-Bord,

Ra ir-rikors ippresentat fit 3 ta' Jannar 2002 fejn ir-rikorrenti stqarrew illi huma ko-propretarji flimkien ma' ohrajn ta' ghalqa maghrufa bl-isem ta' Misrah il-Lewza, li ghandha access taghha minn Sqaq Nru 1, Triq tal-Qasbi, fil-limiti ta' Birkirkara, liema raba hija mikrija lill-intimati. Huma stqarrew illi l-intimati kienu naqqsu milli jiehdu hsieb l-ghalqa u hallewha b'mod illi qed tigi kkagunata hsara lill-ghalqa kif ukoll illi l-istess intimati kienu naqsu milli jahdmu l-ghalqa fl-ahhar sentejn. Huma sahqu wkoll illi kellhom bzonn ir-raba ghall-uzu taghhom u tal-familja taghhom. Ghalhekk huma talbu illi jirriprendu lura l-art.

Ra ir-risposta ta' l-intimati ippresentata fil 25 ta' Jannar 2002 fejn cahdu l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-affidavit ta' **Angela Camilleri**, ir-ragel taghha **Joseph Camilleri**, it-tifel taghha **Vincent Camilleri** u ta' huha **John Pace** lkoll ippresentati fis 16 ta' April 2002 flimkien ma' dokumentazzjoni u ritratti.

Ra l-affidavit ta' **Emanuel Borg**, garr ta' l-ghalqa meritu tal-kawza odjerna, ippresntat mir-rikorrenti fis 16 ta' April 2002.

Ra l-affidavit ta' **Joseph Vella**, fotografu li ha ir-ritratti esebiti mir-rikorrenti, ippresentat fis 26 ta' April 2002.

Ra ir-rapport ossija ittra datata 3 ta' Novembru 2001 redatt mill-Perit Franco Montesin u minnu mahlufa, ippresentata fis 26 ta' April 2002.

Ra ix-xhieda ta' **Alfred Farrugia**, in rappresentanza tad-Direttur tal-Agrikultura, Ghammieri, moghtija fl 24 ta' Mejju 2002 u prodotti mir-rikorrenti, fejn stqarr illi dina l-art ta' erbgha sieghan hija registrata fuq isem Paul Bezzina mill 1944 u ghandha imnizzel bhala sid lill Helena Zammit.

Ra ix-xhieda ta' **Alfred Portelli** moghtija fis 16 ta' Ottubru 2003.

Ra ix-xhieda ta' **Vincent Camilleri** moghtija fid 29 ta' Novembru 2004 fejn stqarr li l-ghalqa kienet ta' ommu Angela Camilleri flimkien ma' hutha Costantino Pace, John Pace u Helen Pavia.

Rat illi fid 29 ta' Novembru 2004, l-intimat qajjem eccezzjoni li l-gudizzju ma kienx integru peress illi irrizulta li l-ghalqa hija ta' aktar persuni minn dawk li intavolaw il-proceduri odjerni.

Rat illi fis-27 ta' Jannar 2006, ir-rikorrenti talbu ghal kjamat in kawza ta' Helen Pavia u Costantino Pavia, liema talba intlaqghet fis 6 ta' Frar 2006.

Rat illi permezz ta' rikors ippresentat fit 13 ta' Marzu 2006 Vincent Camilleri, Marlene Zammit, Josette Camilleri u Sylvia Zammit, lkoll tfal ta' John Pace, gharrfu lill Bord illi missierhom kien miet fis 7 ta' Novembru 2005 u ghalhekk kienu qed jassumu l-atti minflok, liema talba intlaqghet dakinhar stess.

Rat ir-risposta ta' Joseph Camilleri, kjamat in kawza, ippresentat fl-4 ta' Mejju 2006 minn prokuratur tieghu, Joseph Camilleri, fejn gharraf lill Bord illi bhala ko-propretarju ta' l-ghalqa kien qieghed jaqbel mat-talba tar-rikorrenti.

Ra illi Helen Pavia, fil 15 ta' Mejju 2006, tat ruhha notifikata bil-kawza u kellha taghmel risposta, liema risposta qatt ma saret.

Ra illi fit 18 ta' Settembru 2006, il-Periti imqabbda mill-Bord sabiex jaccedu fuq il-fond, ossija Anthony Mifsud u Fred H Valentino ippresentaw ir-rapport taghhom wara access illi ghamlu fuq il-fond fid-19 ta' Mejju 2006.

Ra illi fl 14 ta' Mejju 2007 l-intimati qajjmu eccezzjoni fis-sens illi persuna imsiefra barra minn Malta, bhalma kien Costantino Pace, ma setghax ikun parti mill-kawza u ghalhekk l-atti tieghu kienu nulli.

Rat illi, permezz ta' digriet moghti fit 8 ta' Ottubru 2007, il-Bord iddikjara il-kjamat in kawza ta' Costantino Pace kien null u bla effett u ghalhekk sfilzat l-eccezzjonijiet tieghu.

Ra illi fil 21 ta' Frar 2008 Joseph Camilleri kien nominat kuratur ta' Joseph Camilleri.

Ra illi fit 8 ta' Gunju 2011, il-Bord, diversament ippresjedut, cahad l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gudizzju tar-rikorrenti imressqa f'Novembru 2004.

Semghet ix-xhieda ta' **Alfred Portelli** moghtija fit 28 ta' Frar 2013.

Rat illi fit 28 ta' Frar 2013 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi w il-kawza setghet tibqa differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Il-kawza odjerna, illi ghaddiet taht erbgha Magistrati differenti, tirrigwarda ripreza ta' art li wirtu ir-rikorrenti kollha, inkluz iz-zewgt kjamati in kawza, minghand Elena Zammit.

Tul it-trapass kollu tal-kawza odjerna, il-Bord kien ippresentat serje ta' affidavits da parte tar-rikorrenti u ix-xhieda viva voce ta' l-intimat Alfred Portelli.

Ir-rikorrenti, principalment Angela Camilleri, sahqet illi l-ghalqa inkwistjoni kienet amministrata minn Albert Zammit Maemple ghal Elena Zammit, minghand min hija wirtitha flimkien ma' ohrajn. Zammit Maemple kien juza tali ghalqa ghal kacca ghalkemm l-ghalqa kienet mikrija lill missier l-intimat, Anthony Portelli. Kera kienet ilha ma tithallas mil 15 ta' Awissu 1969. Sussegwentement, meta wirtu l-art ir-rikorrenti, marru jivverifikaw dwar l-ghalqa u sabuha fi stat zdingata. Huma qabbdu lill xi hadd biex inaddafha, certu Emanuel Borg, illi wara ftit zmien qata qalbu. Zmien wara, meta regghu maruu fuq il-post, sabu l-access ghal-ghalqa maghluq b'bieb. Eventwalment saru jafu li l-intimati Alfred

Portelli kien ghalaq il-bieb u, meta avvicinat, kien stqarr ma' Joseph Camilleri illi hu kien qed ihallas il-qbiela lil xi hadd, izda qatt ma ressaq ricevuti.

L-intimat, Alfred Portelli, stqarr illi l-art kienet imqabbla lill missieru, Antonio Portelli, imbghad beda jahdem l-ghalqa hu, haga illi dejjem ghamel regolarment ghajr ghal periodu qasir fil 1995. Huwa stqarr illi l-art kienu dejjem juzawha u kera ma kienetx tithallas ghax min kien qed jiehu hsieb l-art ghas-sid, certu Dr Albert Zammit Maemple, ma ridtx kera. Eventwalment, gew mgharrfa li kellhom ihallsu lill certu wiehed Joe Pavia u hallsuh ghoxrin Lira Maltin ekwivalenti ghal ghoxrin sena kera. Sussegwentement, meta regghu marru biex ihallsu, dana ma accetahomx u ddepositahom il-Qorti. Huwa stqarr ukoll illi l-ghalqa kellha parti minnha li ma tinhadimx peress illi blat, u li hija madwar 1/8 ta' l-ghalqa. Il-kumplament, l-intimat sahaq, tintuza minnu regolarment.

**Ikkunsidra**

Il-Bord, waqt il-mori tal-kawza, appunta zewgt Periti sabeix jassistih u jaccedi fuq il-post biex jirrileva l-istat ta' l-ghalqa meritu tal-kawza odjerna. Dawna ghamlu access fid 19 ta' Mejju 2006 li ghalih attendew Angela Camilleri u Helen Pavia filwaqt illi l-intimat ma deherx.

Huma setghu jikkonstataw is-segwenti:-

*"Gie osservat illi tul il-hajt tar-raba' fix-xaqliba ta' fuq dana kien imhawwel sigar tad-dwieli u kien hemm ukoll ftit tas-sigar tal-Bajtar tax-xewk. Waqt l-access ikkonstatajna illi wicc ir-raba kien mizghud b'hafur, xewk, zigland u lellux flimkien ma' ghadd ta' zkuk nexfien tal-busies, indikazzjoni cara illi l-istess raba kien fi stat zdingat ghal kollox."*

Il-konstatazzjonijiet tal-esperti tal-Bord huma cari u kristalli - ir-raba kien fi stat zdingat. Dana iffisser illi r-rikorrenti huma korretti jargumentaw illi l-ghalqa imqabbla minhom kienet ilha ma tinhadem ghal aktar minn tnax-il xahar konsekuttivi.

**Ikkunsidra**

Il-Bord jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Markiz Joseph Scicluna vs Joseph Bezzina et 6 t'Ottubru 1999** citata b'approvazzjoni fil-kawza Fortunata Callus u zewgha Emanuel Callus vs Maria Farrugia (App Civ 20/10/2003) fejn intqal:

*"Din il-Qorti tifhem li meta l-ligi titkellem dwar uzu ta' raba riedet tfisser illi r-raba jkun mahdum skond is-sengha biex jigi utilizzat ghall-produzzjoni tal-prodotti. Ma kienetx allura tifhem li r-raba jkun qed jigi wzat jekk sempliciment kull tant zmien tintefa` ftit zerriegha mhollija ghall-elementi. Meta hekk jigri wiehed gustament seta' jsostni li r-raba ma jkunx qed jigi wzat imma abbuzat.*
Jirrizulta car mill-provi imressqa u, aktar u aktar, mill-konstatazjonijiet ta' l-esperti imqabbda mill-Qorti, illi r-raba ma kienetx qed tintuza ghall iskop agrikolu u, anzi, ma kienet qed tintuza xejn u kienet zdingata. Ghalhekk it-talba attrici tirrizulta.

**Konkluzjoni**

Il-Bord

Wara illi ra il-provi kollha prodotti u x-xhieda imressqa

Jghaddi beix jaqta u jiddeciedi billi

Jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati u

Jilqa t-talbiet attrici u tordna lill-intimat sabiex jizgumbra mill-ghalqa maghrufa bl-isem ta' Misrah il-lewza, li ghandha acess minn Sqaq nru 1, Triq tal-Qasbi, limiti ta' Birkirkara, u dana fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------